StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

**IT-TIENI SENA** **STUDI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**Din il-karta tal-eżami fiha Seba' Taqsimiet (A, B, Ċ, D, E, F u Ġ). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

## Taqsima A

**Imla l-vojt b'dawn il-kliem:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| globalizzazzjoni | l-ambjent soċjali | in-normi | ċittadin | l-iżvilupp |
| problemi ambjentali | mezzi ta' komunikazzjoni | ir-riżorsi naturali | il-Kostituzzjoni | W.H.O. |

1. Il- ______________________ jgħinu fl-edukazzjoni informali.
2. Permezz tal- ______________________ id-dinja qed issir raħal wieħed.
3. Kull ______________________ għandu drittijiet u dmirijiet lejn is-soċjetà.
4. Is-soċjalizzazzjoni tgħinna nitgħallmu ______________________ tal-grupp.
5. L-individwu jiżviluppa lilu nnifsu f'relazzjoni mal-oħrajn skont ______________ li jkun fih.
6. Malta qed tħabbat wiċċha ma' bosta ______________________ minħabba l-ammont kbir ta' tniġġiż.
7. Jekk neqirdu ______________________ nkunu l-kawża ta' ħsara li ma tissewwiex.
8. ______________________ bla kontroll ukoll huwa ta' ħsara minħabba li jeqred u jkerrah l-ambjent naturali.
9. ______________________ ta' Malta hija ġabra ta' liġijiet.
10. L-Għaqda ______________________ tieħu ħsieb problemi tas-saħħa madwar id-dinja u tmexxi 'l quddiem programmi ta' prevenzjoni u kura ta' mard.

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

## Taqsima B

**Kieku int tkun f'dawn is-sitwazzjonijiet x'tagħmel?**
(*Jingħataw żewġ marki għal kull eżempju tajjeb*)

1. Jekk tara lil xi ħadd jarmi l-iskart barra …… **(4 marki)**
2. Jekk tisma' lil xi ħadd jgħaddi rimarki razzisti …… **(4 marki)**
3. Jekk tara xi żgħażagħ iwaqqgħu għaċ-ċajt persuna anzjana …… **(4 marki)**
4. Tiġi studenta b'diżabbiltà fil-klassi u sħabek jibdew jidħku biha …… **(4 marki)**
5. Jekk tara lil xi ħadd jaħqar annimal fi triq …… **(4 marki)**

**(Total 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima Ċ**

**Ikteb VERU jew FALZ ħdejn dawn li ġejjin:**

1. Meta l-ħaddiema ma jkunux kuntenti fuq il-post tax-xogħol jistgħu jieħdu azzjonijiet industrijali. ______________
2. Fost id-dmirijiet tal-istudenti nsibu li hu mistenni li jmorru l-iskola fil-ħin. ______________
3. Il-ħaddiema m'għandhomx dritt jissieħbu f'*unions*. ______________
4. It-tfal m'għandhomx drittijiet. ______________
5. L-iskola hija obbligatorja sa sittax-il sena. ______________
6. Il-familja m'għandhiex x'taqsam mal-proċess ta' soċjalizzazzjoni. ______________
7. F'għaqda volontarja l-membri jaħdmu għall-paga. ______________
8. L-edukazzjoni ma niħduhiex biss mill-iskola. ______________
9. Il-bniedem insejħulu kreatura soċjali. ______________
10. Bniedem edukat irid ikun tolleranti. ______________

**(Marka 1 x 10 = 10 marki)**

**Taqsima D**

**Spjega l-kelmiet li ġejjin:**

1. Demokrazija
2. Soċjetà
3. Interdipendenza
4. Solidarjetà
5. Riċiklaġġ **(2 marki x 5 = 10 marki)**

**Taqsima E**

**Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha.**

1. L-interazzjoni soċjali sseħħ (bejn tnejn minn nies biss; bejn tnejn minn nies jew aktar; waħdi).
2. Dak li jien naf nagħmel sew hu (drawwa; talent; vizzju).
3. Il-kultura hi ġabra ta' (dak kollu li jagħmilna Maltin; novelli; lezzjonijiet).
4. L-edukazzjoni hi tagħlim li nieħdu (meta nkunu żgħar; tul ħajjitna; mill-ħbieb).
5. Opinjoni hi (verità; rispett; kif naħsibha jien).
6. Dmir hu (dak li s-soċjetà għandha tagħti lili; obbligu tiegħi; dritt tiegħi).
7. Fl-iskola jien mistenni li (ntellef; nirrispondi; noqgħod attent għal-lezzjoni).
8. In-nanniet għandi (nirrispettahom; nidħak bihom; ninjorahom).
9. Fuq il-karta tal-identità jkun hemm tagħrif (dwar ommi u missieri; dwar ħuti; dwari).
10. Il-komunità fejn noqgħod tissejjaħ (nazzjonali; internazzjonali; lokali).

**(Marka 1 x 10 =10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima F**

**Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. Bħala grupp soċjali l-familja hija importanti għas-soċjetà li ngħixu fiha. Agħti **ERBA’** raġunijiet għal dan. **(4 marki)**
2. Kif tista sseħħ l-edukazzjoni informali? Agħti **ERBA’** eżempji. **(4 marki)**
3. Min huma l-aġenti tas-soċjalizzazzjoni? Semmi **ERBA’** minnhom. **(4 marki)**
4. L-ambjent qed isofri minn ħafna problemi. Taf issemmi **ERBA’** minnhom? **(4 marki)**
5. Il-*mass media* jħallu ħafna effett fuqna. Semmi **ERBA’** effetti. **(4 marki)**

**(Total 20 marka)**

**Taqsima Ġ**

**Ikteb komponiment ta’ madwar 170-200 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

1. Il-kultura Maltija tagħtina sens ta’ identità. Iddiskuti.
2. Il-proċess ta’ soċjalizzazzjoni hu ta’ ġid għall-individwu u għas-soċjetà. Iddiskuti.
3. L-ambjent hu tagħna lkoll. Semmi x’għandna nagħmlu bħala ċittadini biex nieħdu ħsieb l-ambjent.
4. X’effetti tista’ tħalli l-pressjoni tal-*peer group* fil-ħajja taż-żgħażagħ?

**(20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers